ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 40/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 35/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 21 ta' Mejju 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 39/2013 U LAQGĦA URĠENTI TAL-24 TA' APRIL 2013

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 39/2013 u tal-Laqgħa Urġenti tal-24 ta' April 2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 39/2013 U LAQGĦA URĠENTI TAL-24 TA' APRIL 2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 39/2013 u l-laqgħa urġenti tal-24 ta' April 2013.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li nfurmat mis-Supritendent tal-Pulizija li l-attivita' annwali tal-pulizija f' Marsalforn ser issir nhar l-14 ta' Lulju 2013.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Komunikat mibgħut minn Transport Malta dwar il-proposta tal-Kumitat biex parti minn Triq il-Port tingħalaq għat-traffiku f' ċertu ħinijiet. Kien maqbul li ssir emenda għal din il-proposta biex ir-residenti tat-triq ikollhomm aċċess f' kull ħin anke meta t-triq tkun magħluqa.

Ittra mibgħuta minn Frans Azzopardi fejn talab *no objection* mill-Kunsill Lokali biex jopera *trackless train* fil-limiti ta' Marsalforn. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għat-talba ta' Azzopardi – Triq il-Port tkun eliminata mir-rotta minħabba proposti li hemm pendenti quddiem Transport Malta.

Dwar it-tabella tal-proġett bankini ġodda fi Triq il-Munġbell eċċ, ġie deċiż li fuq it-tabella jitniżżel "Proġett ieħor mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn – Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ".

Ittri ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta għall-proposti tal-Kumitat biex:

- parti minn Triq il-Qbajjar issir *one-way* minn Ġunju sa Settembru.
- issir *pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Maria Homoki<br>Applikazzjonijiet għal provvista temporanja tal-elettriku fil-Menqa mit-28 ta' Ġunju sat-30 ta' Awwissu 2013. | Ngħaddu lis-Sinjura Homoki applikazzjoni għal divertiment pubbliku biex tapplika għall-permess tal-Kunsill. |
| (ii) | Ekxa Kiosk<br>*Country Nights* f' Misraħ M' Anġ Refalo f' dawn il-ġranet<br>14,15, 21, 22, 28 & 29 ta' Ġunju 2013<br>5, 6, 12, 13, 20, 26 & 27 ta' Lulju 2013<br>2, 3, 16, 17, 30 & 31 ta' Awwissu 2013<br>6, 7, 13 & 14 ta' Settembru 2013. | Approvati. |
| (iii) | Glassbox Bar<br>Applikazzjonijiet għal attivita' u għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem Glassbox Bar f' Misraħ M' Anġ Refalo nhar is-6 ta' Ġunju 2013. | Approvati. |

Is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat

## 5. BANKINI

Il-Kumitat qabel li japplika mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-UIF biex jibdel il-bankini kollha ta' Triq id-Duluri. Fl-eventwalita' jkun hemm bżonn jitneħħa xi *parking* biex isiru l-bankini ġodda, ġie deċiż li għandu jitneħħa l-*parking* tan-naħa tal-Peppermill.

Is-Sindku tkellem dwar l-*upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar partikularment fejn kien hemm il-bandli.
Il-Kumitat qabel li jagħmel applikazzjoni mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-UIF għall-*upgrade* tal-*area*; isir tapit u *playing equipment* ġdid *seesaw*, żurżieqa u żewġ annimali għat-tfal żgħar.

Il-Kunsill ftiehem li jipproponi lill-Ministeru għal Għawdex biex isir festun tad-dawl mill-Menqa sal-Kartell.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment KAM 10/2013 – Alfred Camilleri

Talab biex jitnaddaf mir-*railing* il-barra fi Triq Santa Marija. Intqal li t-tillier huwa protett u ma jistax jinqata'.

Ilment KAM 11/2013 – Mary Azzopardi
Issuġġeriet li jsiru *hooks* fit-*toilets* tan-nisa fil-latrina pubblika tal-Menqa.

Ilment KAM 12/2013 – Mark Vella
Talab biex isir trasferiment ta' bozza, tinqala' minn Triq ir-Rabat u titwaħħal fuq arblu tal-Enemalta faċċata tal-entratura ta' Vella. It-talba kienet rifjutata.

Ilment KAM 13/2013 – iċ-Chairperson Marija Saliba
Iċ-Chairperson għandha dawn l-ilmenti / suġġerimenti:

- biex jinqata' l-ħaxix li hemm fi triq fl-inħawi tal-wied u fl-*area* maġenb il-*car park* (fejn kien tnaddaf għad-dgħajjes). Ngħaddu l-ilment lill-Public Cleansing Section.
- jitwaħħlu aktar bankijiet fuq il-*promenade* ta' Għar Qawqla u fuq il-*promenade* ta' Marsalforn faċċata tal-Pebbles Restaurant. Naraw jekk dawn il-bankijiet jistgħux isiru minn tal-Beach Cleaning Section, il-materjal jinxtara mill-Kumitat.
- jitwaħħal il-passaġġ tal-injam fuq il-bajja. Tintalab stima tax-xogħol lil Gam Gam Servs għat-tiswija u t-twaħħil tal-passaġġ.
- tiswija tal-konok ta' fuq il-*promenade* ta' Marsalforn u fuq ir-riħ tal-wied u jitħawwlu siġar ġo fihom. Xogħlijiet approvata; it-tiswija tal-konok issir minn P. Sultana.
- jiddawwal is-sit li tnaddaf għall-karrijiet mill-Ministeru għal Għawdex. Ser issir talba lill-Ministeru għal Għawdex.
- isir parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita' viċin il-Knisja ta' San Pawl. Kien maqbul li ssir quddiem il-knisja; issir *site visit* mal-Perit.

Iċ-Chairperson staqsiet ta' min kienet id-deċiżjoni li l-bankijiet tal-*promenade* jinqalgħu u jitpoġġew aktar lejn iċ-ċint? Kien miftiehem li tintbagħat *e-mail* lill-Beach Cleaning Section għal spjegazzjoni.

Ilmenti 14&15/2013 –is-Sur George Sacco
Ressaq dawn il-proposti:

- isiru *double yellow lines* fi Triq is-Sajjied il-fuq mill-isqaq tal-Majna, faċċata ta' garaxxijiet. Ngħaddu l-proposta lil Transport Malta.
- jerġgħu jinżebgħu *double yellow lines* li tneħħew fi Pjazza San Pawl. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lil Louis Portelli biex is-sinjali jerġgħu jinżebgħu.
- isir dawl adegwat fuq is-*slipways* tal-Menqa għas-sajjieda. Issir *site visit* mal-Inġinier.

- biex fix-xhur tas-sajf, il-Menqa tingħalaq kompletament għat-traffiku mill-5 ta' filgħaxija l-quddiem. Ngħaddu l-proposta lil Transport Malta.

## 7. MATERJA OĦRA

Ma kienx hemm materja oħra.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***